Nru./No. 21,625
Prezz/Price
€20.16

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 17 ta' April, 2026
Friday, 17th April, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 4753 - 4801
Government Notices ..... *4753 - 4801*

Avviżi tal-Pulizija ..... 4801 - 4805
Police Notices ..... *4801 - 4805*

Avviżi lill-Baħħara ..... 4805 - 4811
Notices to Mariners ..... *4805 - 4811*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 4811 - 5143
Employment Opportunities ..... *4811 - 5143*

Avviżi tal-Gvern ..... 5144 - 5164
Notices ..... *5144 - 5164*

Offerti ..... 5164 - 5170
Tenders ..... *5164 - 5170*

Avviżi tal-Qorti ..... 5170 - 5196
Court Notices ..... *5170 - 5196*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 589

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA
(KAP. 251)

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika ġie awtorizzat mill-President ta' Malta fuq parir tal-Prim Ministru, ir-rikonoxximent tal-għotja ta' dan l-unur mill-Ordni Sovran Militari u Ospitallieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, ta' Rodi u ta' Malta:

Grand Cross Pro Merito Melitensi
L-Onor. Ian Borg

Is-16 ta' Lulju, 2024
COF-575-1962-XIV

Nru. 590

ATT DWAR IL-KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ħatra tal-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu permezz tar-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq) (LS 363.10), il-Prim Ministru ħatar il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq b'seħħ mill-20 ta' Diċembru, 2025, għal perjodu ta' tliet snin kif gej:

Chairperson
Is-Sur Charles Flores

Membri
Is-Sa Margaret Baldacchino Cefai
Is-Sur Michael Balzia
Is-Sur Anthony Fava
Is-Sur Michael R. Borg
Is-Sur Salvu Borg
Is-Sur Joseph Cutajar
Is-Sur Joseph Scicluna
Is-Sa Anna Bonanno
Is-Sur Alfred Briffa
Is-Sur Jeffrey Ellul

Osservatur (Maltapost)
Is-Sur David Attard

Segretarju
Is-Sur Christopher Deguara

Is-17 ta' April, 2026

GOVERNMENT NOTICES

No. 589

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT
(CAP. 251)

IT is hereby notified that in accordance with Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the recognition of the conferment of the following honour by the Sovereign Military Hospitaller Order of St John of Jerusalem, of Rhodes and of Malta:

Grand Cross Pro Merito Melitensi
The Hon. Ian Borg

16th July, 2024

No. 590

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Appointment of the Street Naming Committee

IT is notified that in terms of the powers conferred upon him by means of the Local Councils (Street Naming) Regulations (SL 363.10), the Prime Minister appointed the Street Naming Committee with effect from 20th December, 2025, for a period of three years as follows:

Chairperson
Mr Charles Flores

Members
Ms Margaret Baldacchino Cefai
Mr Michael Balzia
Mr Anthony Fava
Mr Michael R. Borg
Mr Salvu Borg
Mr Joseph Cutajar
Mr Joseph Scicluna
Ms Anna Bonanno
Mr Alfred Briffa
Mr Jeffrey Ellul

Observer (Maltapost)
Mr David Attard

Secretary
Mr Christopher Deguara

17th April, 2026

Nru. 591

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA (KAP. 586)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi wara li skada t-terminu tal-kariga tal-Kummissarju preżenti għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, Dott. Reno Borg ġie maħtur bħala Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data skont it-termini tal-Artikolu 11 tal-istess Att (Kap. 586).

Il-Kummissarju se jaqdi d-dmirijiet skont il-provvedimenti tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586) u għall-finijiet ta' Kapitolu VI tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE) 2016/679, l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (Kap. 496) u l-Att dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Informazzjoni tas-Settur Pubbliku (Kap. 546) u skont il-liġijiet ta' Malta. Din il-ħatra hija valida għall-perjodu ta' ħames (5) snin mill-24 ta' April, 2026.

Is-17 ta' April, 2026

No. 591

DATA PROTECTION ACT (CAP. 586)

IT is hereby notified for general information that in view of the expiration of the term of office of the current Information and Data Protection Commissioner, Dr Reno Borg is being appointed as Information and Data Protection Commissioner in terms of Article 11 of the Data Protection Act (Cap. 586).

The Commissioner shall carry out duties in accordance with the Data Protection Act (Cap. 586) and in terms of Chapter VI of the General Data Protection Regulation (EU) 2016/679, the Freedom of Information Act (Cap. 496), the Re-Use of Public Sector Information Act (Cap. 546) and in accordance with Maltese laws. This appointment is valid for five (5) years as from 24th April, 2026.

17th April, 2026

Nru. 592

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ħatra ta' Panel ta' Membri tat-Tribunal Industrijali

Bis-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 73(3)(b) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra tal-persuni hawn imsemmija bħala Membri tat-Tribunal Industrijali għal perjodu ta' ħames snin b'seħħ mit-12 ta' Novembru, 2025.

Membri li jirrappreżentaw Organizzazzjonijiet ta' Prinċipali

Is-Sur Noel Scerri
Is-Sur Norman Mifsud
Is-Sa Claire Briffa
Is-Sur Brian Muscat
Is-Sur Nicholas Xuereb
Is-Sur Norbert Grixti
Is-Sa Isabella Debattista
Is-Sur Paul Abela
Is-Sur Joseph Zerafa
Dott. Ray Xerri

No. 592

EMPLOYMENT AND INDUSTRIAL RELATIONS ACT (CAP. 452)

Appointment of Panel of Members of the Industrial Tribunal

IN exercise of the powers conferred by section 73(3)(b) of the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452), and for the purpose of that Act, the Minister within the Office of the Prime Minister has approved the appointment of the following persons as Members of the Industrial Tribunal for a period of five years with effect from the 12th November, 2025.

Members representing Employers' Organisations

Mr Noel Scerri
Mr Norman Mifsud
Ms Claire Briffa
Mr Brian Muscat
Mr Nicholas Xuereb
Mr Norbert Grixti
Ms Isabella Debattista
Mr Paul Abela
Mr Joseph Zerafa
Dr Ray Xerri

Is-Sa Claudine Cassar
Is-Sa Antoinette Caruana

Membri li jirrappreżentaw Trade Unions

Is-Sur Mario Sacco
Is-Sa Isabelle Farrugia
Is-Sa Antoinette Aquilina
Is-Sur Charles Vella
Is-Sur David Darmanin
Is-Sur Victor Carachi
Is-Sur Christopher Attard
Is-Sur Colin Galea
Dr John Paul Tabone
Dr Martin Balzan

Is-17 ta' April, 2026

Nru. 593

MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern barra minn Malta

Baldacchino, Is-Sa Michelle – First Secretary, Ambaxxata tar-Repubblika ta' Malta, Doha, L-Istat tal-Qatar

Borg, Is-Sa Deborah Maria – Counsellor, Missjoni Permanenti ta' Malta għan-Nazzjonijiet Magħquda, New York, L-Istati Uniti tal-Amerika

Uffiċjali Pubbliċi/Impjegati Pubbliċi

Bartolo, Dott. Winston – Emergency Medicine Specialist, Sptar Mater Dei

Busuttil, Is-Sa Nicolette – Administrative Executive, Reġistru Pubbliku Għawdex, Identità

Sciberras, Is-Surġent Abigail – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Avukati

Bonnici, Dott. Alexia
Busuttil, Dott. Kimberly
Camilleri, Dott. Natalia
Mifsud, Dott. Andrea

Ms Claudine Cassar
Ms Antoinette Caruana

Members representing Trade Unions

Mr Mario Sacco
Ms Isabelle Farrugia
Ms Antoinette Aquilina
Mr Charles Vella
Mr David Darmanin
Mr Victor Carachi
Mr Christopher Attard
Mr Colin Galea
Dr John Paul Tabone
Dr Martin Balzan

17th April, 2026

No. 593

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article 3 of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta

Baldacchino, Ms Michelle – First Secretary, Embassy of the Republic of Malta, Doha, The State of Qatar

Borg, Ms Deborah Maria – Counsellor, Permanent Mission of Malta to the United Nations, New York, The United States of America

Public Officers/Public Employees

Bartolo, Dr Winston – Emergency Medicine Specialist, Mater Dei Hospital

Busuttil, Ms Nicolette – Administrative Executive, Gozo Public Registry, Identità

Sciberras, Sergeant Abigail – Malta Police Force

Advocates

Bonnici, Dr Alexia
Busuttil, Dr Kimberly
Camilleri, Dr Natalia

Sims Dodebier, Dott. Daphne
Woods, Dott. Yanica

Mifsud, Dr Andrea
Sims Dodebier, Dr Daphne
Woods, Dr Yanica

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

Is-17 ta' April, 2026
MJR/JUSTICE/4/2026
MJEG21/2020/4

17th April, 2026

Nru. 594

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Petra Burlò bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Marco Burlò u dan għall-perjodu bejn it-18 ta' Mejju, 2026 u l-31 ta' Mejju, 2026.

Illum il-Ġimgħa, 10 ta' April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 594

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Petra Burlò to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Marco Burlò for the period between the 18th May, 2026 to the 31st May, 2026.

Today Friday, 10th April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 595

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Peter Fleri Soler bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Jack Delicata u dan għall-perjodu bejn il-15 ta' April, 2026 u l-24 ta' April, 2026.

Illum it-Tnejn, 13 ta' April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 595

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Peter Fleri Soler to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Jack Delicata for the period between the 15th April, 2026 to the 24th April, 2026.

Today Monday, 13th April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 596

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Sam Abela bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Graziella Abela Gatt u dan għall-perjodu bejn il-11 ta' April, 2026 u l-31 ta' Lulju, 2026.

Illum l-Erbgħa, 15 ta' April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 596

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Sam Abela to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Graziella Abela Gatt for the period between the 11th April, 2026 to the 31st July, 2026.

Today Wednesday, 15th April, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 597

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Għotja fuq Xiri ta' Sistemi tal-Enerġija Rinnovabbli fis-Settur Domestiku – Sejħa 2026/RES

BIEX ikompli jinkoraġġixxi t-titjib fl-użu tal-enerġija li jipproduċi l-pajjiż, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma qiegħed jamministra l-iskema ffinanzjata minn fondi nazzjonali li hi mmirata biex tinkoraġġixxi l-użu ta' sistemi fotovoltajċi għal użu residenzjali li jnaqqsu l-użu ta' enerġija, jew li jużaw għejun ta' enerġija li tiġġedded.

1. Għotja li tiħallas taħt din l-iskema

L-applikanti jistgħu japplikaw għal għotja għal sistema permezz tal-formola li tista' timtela minn fuq is-sit elettroniku tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (www.rews.org.mt) jew permezz tal-formola li tista' titniżżel mill-istess sit elettroniku. L-iskema hija amministrata u suġġetta għal-linji gwida li jitniżżlu wkoll minn dan is-sit elettroniku.

L-applikanti li jkunu rċevew għotja għal sistema fotovoltajka mill-2010 'il hawn mhumiex eliġibbli għal għotja oħra mogħtija taħt din l-iskema.

2. Tul tal-iskema

Applikazzjonijiet għal din l-iskema jistgħu jintlaqgħu b'mod validu mill-20 ta' April, 2026 sat-30 ta' Novembru, 2026, u/jew sakemm jispiċċaw il-fondi. Din l-iskema tista' tiġi mibdula jew mitmuma qabel dik id-data permezz ta' avviż fil-Gazzetta. Din l-iskema tista' tiġi mġedda kif ir-

No. 597

REGULATOR FOR ENERGY AND WATER SERVICES

A Grant on the Purchase of Renewable Energy Systems in the Domestic Sector – Call 2026/RES

IN order to further encourage the better use of the energy being generated by the country, the Regulator for Energy and Water Services is administering the following nationally funded scheme which aims to encourage the use of photovoltaic systems for residential use that reduce the use of energy, or use renewable sources of energy.

1. Grant payable under this scheme

Applicants may apply for a grant under this scheme for a system by means of an online form from the Regulator for Energy and Water Services website (www.rews.org.mt) or by means of the form downloadable from the same website. The scheme is administered and governed in terms of the guidelines also downloadable from the website.

Applicants who have received a grant for a photovoltaic system since 2010 shall not be eligible for another grant issued in terms of this scheme.

2. Duration of the scheme

Applications for this call may be validly received as from the 20th April, 2026 until the 30th November, 2026, and/or until funds are exhausted. The scheme may be modified or terminated before that date by means of a notice in the Gazette. This scheme may be renewed as may be deemed

Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma jista' jidhirlu li hu xieraq ukoll permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

3. Infiq eliġibbli

Ir-Regolatur jirriżerva d-dritt li jirrifjuta l-għotja u, jew li jieħu azzjoni legali biex jirkupra l-ammont mogħti bl-imgħax legali u bi ispejjeż oħra li setgħu saru, fil-każ ta' applikant li jkun eżerċita d-dritt li jikseb jew li kiseb xi skont ta' taxxa, tnaqqis inkluż tnaqqis ta' kreditu ta' input tax mill-output tax skont l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), jew xi rifużjoni ta' taxxa jkun kif ikun imfisser, għar-rigward tal-infiq eliġibbli li jsir għax-xiri tal-installazzjoni fotovoltajka.

4. Għajnuna tal-Istat

Din l-Iskema qed tigi implimentata b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru, 2023, dwar l-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna *de minimis*.

5. Emendi għall-iskema

Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għandu jkollu f'kull waqt id-dritt li jagħmel kull emenda għal din l-iskema permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta li jkun jinkludi dawk l-emendi.

SKEDA

Lista ta' perċentwali ta' għajnuna:

Għażla A – Sistema fotovoltajka b'inverter hybrid: 65% tal-infiq eliġibbli sa massimu ta' 3,000 ewro għal kull sistema u ewro 645 għal kull kWp.

Għażla B – Hybrid/Battery inverter u sistema ta' batterija għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli: 75% tal-infiq eliġibbli tas-sistema tal-batterija sa massimu ta' 6,000 ewro għal kull sistema u ewro 600 għal kull kWh u 75% tal-infiq eliġibbli tal-Hybrid inverter sa massimu ta' 1,800 ewro għal kull sistema u ewro 350 għal kull kWp.

Għażla Ċ – Sistema ta' Batterija għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli: 75% tal-infiq eliġibbli tas-sistema tal-batterija sa massimu ta' 6,000 ewro għal kull sistema u ewro 600 għal kull kWh.

Sidien ta' sistemi installati fuq postijiet residenzjali (anke dawk li ma bbenefikaw minn ebda għajnuna fuq xi Sistema tal-Panelli jiġifieri ebda Feed-in Tariff u, jew Għotja) u li ilhom imqabbda mal-grid għal tal-anqas sitt snin jistgħu japplikaw għal Għażla B.

necessary by the Regulator for Energy and Water Services also by means of a notice in the Gazette.

3. Eligible expenditure

The Regulator reserves the right to refuse the grant and, or take legal action to recover the amount granted with legal interest and any other costs incurred, in case of any applicant having exercised the right to obtain or who has obtained any tax rebate, deduction including deductions of input tax credit from the output tax in terms of the Value Added Tax Act (Cap. 406), or other tax refund however so described, with regard to the eligible expenditure made in relation to the purchase of the photovoltaic installation.

4. State aid

This scheme will be implemented in accordance with the provisions of Commission Regulation (EU) No. 2023/2831 of 13 December, 2023, on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to *de minimis* aid.

5. Amendments to the scheme

The Regulator for Energy and Water Services shall at all times have the right to make any amendments to this scheme by means of a notice published in the Gazette containing such amendments.

SCHEDULE

List of grant percentage:

Option A – PV system with hybrid inverter: 65% of eligible costs up to a maximum of euro 3,000 per system and euro 645 for each kWp.

Option B – Hybrid/Battery inverter and battery: 75% of eligible costs of the Battery Storage up to a maximum of euro 6,000 per system and euro 600 for each kWh plus 75% of eligible costs of the Hybrid/battery inverter up to a maximum of euro 1,800 per system and euro 350/kWp.

Option C – Battery Storage only: 75% of eligible costs of the Battery Storage up to a maximum of euro 6,000 per system and euro 600 for each kWh.

Owners of PV installations installed on residential premises (even those that do not benefit from any aid on the PV system i.e. no feed-in tariff and, or grant) and connected to the grid for at least 6 years may apply for option B.

L-applikant, meta japplika għal għażla A, jista' japplika wkoll fl-istess waqt għal għażla Ċ.

Barra minn hekk, tagħmir li jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (NZIA) ikun eliġibbli għal kumpens finanzjarju addizzjonali ta' 5%.

Is-17 ta' April, 2026

The applicant, when applying for Option A, may also apply at the same time for Option C.

Furthermore, equipment that is compliant to the requirements established by the Net-Zero Industry Act (NZIA) will be eligible for an additional 5% financial compensation.

17th April, 2026

Nru. 598

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Stima Ambjentali Strateġika għall-Objettivi ta' Konservazzjoni u Miżuri ta' Konservazzjoni għas-siti tal-art ta' Natura 2000 ta' Malta (Parti 2)

SKONT ir-Regolament 4(7) tar-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika, tal-2010 (S.L. 549.61), l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi tgħarraf illi l-iScreening Template għall-Objettivi ta' Konservazzjoni u Miżuri ta' Konservazzjoni għas-siti tal-art ta' Natura 2000 ta' Malta (Parti 2) ġiet imfassla sabiex turi jekk hemmx ħtieġa li ssir Stima Ambjentali Strateġika. Skont din l-iScreening Template, l-Objettivi ta' Konservazzjoni u Miżuri ta' Konservazzjoni għas-siti tal-art ta' Natura 2000 ta' Malta (Parti 2) m'għandhomx bżonn ta' Stima Ambjentali Strateġika. L-iScreening Template tal-Istima Ambjentali Strateġika (SEA) tinsab fuq il-paġna elettronika: (https://era.org.mt/wp-content/uploads/2021/03/SEA-Screening_N2K_set2.pdf).

Is-17 ta' April, 2026

No. 598

ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 549)

Strategic Environmental Assessment for the Conservation Objectives and Conservation Measures for Malta's terrestrial Natura 2000 sites (Part 2)

IN terms of Regulation 4(7) of 'Strategic Environmental Assessment Regulations of 2010' (S.L. 549.61), the Environment and Resources Authority notifies that the SEA Screening Template for the Conservation Objectives and Conservation Measures for Malta's terrestrial Natura 2000 sites (Part 2) has been drafted in order to assess whether there is the need for the preparation of a Strategic Environmental Assessment. In accordance with the SEA screening template, the Conservation Objectives and Conservation Measures for Malta's terrestrial Natura 2000 sites (Part 2) do not require a Strategic Environmental Assessment. The SEA Screening Template can be found on the webpage (https://era.org.mt/wp-content/uploads/2021/03/SEA-Screening_N2K_set2.pdf).

17th April, 2026

Nru. 599

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 599

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
17.4.2026	€131.377	€2.154

Is-17 ta' April, 2026

17th April, 2026

Nru. 600

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispozzizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 63, Triq Żekka, Il-Belt Valletta, sabiex jigbru l-avviżi magħmula fuqhom.

No. 600

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN Terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 63, Triq Żekka, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Abela Johnaton	376185M	IV 163726
Scicluna Shandell	408774M	IV 164176
Scerri Evan	206780M	IV 163514
Burlò John	580749M	IV 163787
Vassallo Christine	312294M	IV 163499
Vella Conrad	69868M	IV 163501
Attard Victor	130167M	IV 163451
Mifsud Mary Dolores	767943M	IV 162817
Azzopardi Godwin	234972M	IV 162856
Polidano Sebastian	163595M	IV 162748
Camilleri Andy Paul	2895M	IV 162760
Gauci Carmel	298470M	IV 161622
Pace Matthew et	55969M	IV 157777
Azzopardi Michela	234500L	IV 163655
Mousa Emhmed Ahmed Aghil	101506A	IV 163015
Herges Pierre Michael Roger	IT No. 891591427	IV 162515
Burgard Jens	IT No. 892124923	IV 163568
Kowalski Artur Grzegorz	IT No. 891385736	IV 162963
Kowalski Artur Grzegorz	IT No. 891385736	IV 162964
Deluxe Properties Limited	Roc. No. C63762	IV 160409
Construction & Turnkey House Limited	Roc. No. C29833	IV 160605
Entertainments Limited	Roc. No. C25687	IV 163727
EMS Group Limited	Roc. No. C76733	IV 163424
Holsgrove Patricia	IT No. 890221124	CM 059287
Staples Maria Stella	969645M	CM 043837
Sciberras Manuel	116254M	CM 044219
KT Strategic Group Limited	IT No. 971957931	SV 051413
CAP Holdings Limited	IT No. 995209120	SV 052069

Is-17 ta' April, 2026

17th April, 2026

Nru. 601

MINISTERU GĦALL-KULTURA, L-ARTIJIET U L-GVERN LOKALI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regolamenti	Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Trasferiment Dirett ta' Siti Residwali ta' Proprjetà tal-Gvern li jiffurmaw parti minn Żvilupp Akbar (hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti emendatorji")
Attivitajiet li għandhom jiġu regolati	Temenda l-iskema eżistenti taħt l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) li jirregola t-trasferiment dirett ta' siti residwi żgħar tal-Gvern.
Entità responsabbli	Awtorità tal-Artijiet

2. Taqsira u l-Isfond

Ir-Regolamenti dwar it-Trasferiment Dirett ta' Siti Residwali ta'Proprjetà tal-Gvern li jiffurmaw parti minn Żvilupp Akbar (L.S. 573.14) (hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali") ġew introdotti biex jippermettu lis-sidien ta' żviluppi akbar jew siti biswithom jakkwistaw tali siti residwali mingħand il-Gvern. Ir-regolamenti prinċipali ħallew diversi kwistjonijiet mhux solvuti, inkluż it-tifsira limitata ta' sit residwu; l-istatus tal-applikanti li għandhom *utile dominium* temporanju ma kienx ċar; dispożizzjonijiet insuffiċjenti fir-rigward ta' okkupazzjonijiet b'ħafna livelli jew kondiviżi; u d-diskrezzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet li tirrifjuta jew tirtira applikazzjonijiet. Konsegwentement, ir-regolamenti emendatorji jiddefinixxu x'jikkwalifika bħala sit adjaċenti, billi jiddistingwu bejn titoli perpetwi u temporanji tal-applikant, jaġġustaw il-kalkoli tal-kera tal-art, u jiċċaraw is-setgħat tal-Awtorità tal-Artijiet li tirrifjuta jew ittemm applikazzjonijiet, speċjalment meta jinqalgħu kunsiderazzjonijiet ta' wirt nazzjonali.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti emendatorji huma magħmula minn disa' (9) regolamenti u jikkonsistu f'dan li ġej:

Regolament 1: Titolu.
Regolament 2: Jissostitwixxi rregolament 2 tar-regolamenti prinċipali.
Regolament 3: Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.
Regolament 4: Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.
Regolament 5: Jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.
Regolament 6: Iħassar ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.
Regolament 7: Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.
Regolament 8: Jissostitwixxi r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali
Regolament 9: Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju

Ir-regolamenti emendatorji jistgħu jiġu kategorizzati kif ġej:

Regolament 2 – Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali

L-emenda tespandi l-għan biex tinkludi sidien ta' siti adjaċenti u tiċċara r-relazzjoni bejn is-sit residwu u l-iżvilupp, bl-użu ta' terminoloġija aktar preċiża.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) u l-Iskeda III tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

Regolament 3 - Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

Qed tiġi introdotta tifsira ġdida ta' "sit adjaċenti" sabiex jiġi stabbilit b'mod ċar liema proprjetajiet fil-qrib jikkwalifikaw taħt dawn ir-regolamenti. Din tinkludi proprjetà tal-applikant li tinsab f'żona ta' żvilupp rikonoxxuta, kemm jekk stabbilita b'allinjament uffiċjali maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar, pjan ta' żvilupp approvat, jew permess ta' żvilupp validu, irrispettivament jekk is-sit huwiex diġà żviluppat jew le.

It-tifsira ta' "sit residwu" hija riveduta u estiża. Issa sit residwu jibqa' sit tal-Gvern li ma jaqbiżx il-50m², iżda l-emenda tintroduċi wkoll kategorija addizzjonali ta' siti li huma akbar minn 50m² u sa massimu ta' 300m². Dawn is-siti jistgħu jitqiesu bħala siti residwi jekk jissodisfaw il-kriterji kollha stabbiliti fit-tifsira, inkluż li jkunu f'żona ta' żvilupp rikonoxxuta, li jkunu jmissu jew jifformaw parti minn żvilupp akbar, u li ma jistgħux jiġu żviluppati b'mod indipendenti mis-"sit adjaċenti". Barra minn hekk, dawn is-siti jistgħu jitqiesu bħala siti residwi jekk ma' jifformawx parti minn sit adjaċenti li jappartjeni lil partijiet terzi jew lill-Gvern.

L-għan ta' din l-emenda huwa li jiġi ċċarat u estiż l-ambitu tas-siti li jistgħu jitqiesu bħala siti residwi, filwaqt li jibqa' l-prinċipju li tali siti jistgħu jiġu żviluppati biss flimkien mas-"sit adjaċenti" tal-applikant.

Regolament 4 - Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

Ir-regolament 4 ġie sostitwit fl-intier tiegħu. Ir-regolament emendat (i) iwessa' l-eliġibilità għall-applikazzjoni fejn kwalunkwe persuna tista' tapplika, sakemm ikollha titolu validu għas-sit adjaċenti. F'każijiet ta' sidien multipli, persuna waħda tista' tapplika bil-kunsens tas-sidien kollha (is-subregolamenti 4 u 5); (ii) titolu ta' trasferiment – jiddistingwi bejn it-tipi ta' sjieda tas-sit adjaċenti: sit residwu jiġi transferit liberu u frank lil sidien b'utile dominju perpetwu, filwaqt li sidien utile dominju temporanju jirċevuh taħt enfitewsi temporanja li tiskadi mat-titolu tas-sit adjaċenti tagħhom; (iii) okkupazzjoni f'livelli multipli – fejn l-okkupazzjoni ta' sit residwu fuq livelli multipli pro indiviso, l-Awtorità titrasferixxi b'titioli separati, filwaqt li okkupazzjonijiet multipli ta' sit residwu pro indiviso (eż., partijiet komuni tal-kondominju), jiġu trasferiti pro indiviso bl-ispejjeż imqassma fost is-sidien eliġibbli; (iv) u tintroduċi drittijiet għall-applikazzjoni mhux rimborsabbli.

Regolament 5 - Jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

Ir-regolament 5 jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali billi jistabbilixxi r-rati applikabbli għat-trasferiment ta' siti residwali, inklużi dispożizzjonijiet dwar it-tqassim tar-rati f'każijiet li jinvolvu livelli multipli u użi differenti. Jipprovdi wkoll għal każijiet ta' trasferiment b'titolu ta' enfitewsi temporanja, billi jistabbilixxi r-rata annwali taċ-ċens applikabbli, u jirreferi għall-istruttura tar-rati applikabbli. Jikkjarifika wkoll li l-Awtorità tista' tistabbilixxi rati differenti għal postijiet speċifiċi u li ma għandhomx jiġu imposti ħlasijiet addizzjonali għall-okkupazzjoni ta' sit residwu mingħajr titolu validu.

Regolament 6 - Iħassar ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

Regolament 7 - Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

Ir-Regolament 7 jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali billi jispeċifika li l-ispejjeż kollha b'mod sħiħ inkluż iżda mhux limitat għat-tariffa tal-applikazzjoni ,għandhom jitħallsu mill-applikant sabiex ikun hemm trasferiment.

Regolament 8 - Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

Ir-regolament 8 jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali billi jiċċara li l-Awtorità għandha d-dritt assolut li tirrifjuta kull applikazzjoni, soġġett li tipprovdi r-raġunijiet bil-miktub, u jipprovdi wkoll li tali rifjut jista' jsir fejn jitqies li jkun aktar vantaġġjuż li s-sit jiġi disponut bħala parti minn sit adjaċenti alternattiv. Jintroduċi dispożizzjonijiet relatati ma' siti residwi marbuta ma' diversi siti adjaċenti, li jippermettu d-disponiment skont l-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573), u jestendi l-ambitu ta' postijiet ta' importanza nazzjonali sabiex jinkludi proprjetajiet koperti mill-Att dwar il-

Patrimonju Kulturali (Kap. 445), l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549), u l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 552). Jikkonferma wkoll li ma hemm l-ebda dritt ta' azzjoni kontra l-Awtorità għal danni jew kumpens, sakemm l-Awtorità tkun aġixxiet in *bona fede*.

Regolament 9 - Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali

Ir-regolament 9 jipprovdi għaż-żieda ta' Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali, li tiddeskrivi fid-dettall kif għandhom jiġu kkalkolati r-rati għal siti residwali. Tistabbilixxi skala inkrementali, jiġifieri li partijiet differenti tas-sit jiġu mitluba b'rati differenti skont id-daqs tagħhom sa massimu ta' 300m2.

5. Taqsima konklużiva

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mad-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fil-Gazzetta.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Awtoritá tal-Artijiet

E-mail: customercare.la@landsauthority.org.mt

Telefown: +356 21224016/7

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba sabiex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għalih. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni ma jqisux li huma deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Is-17 ta' April, 2026

No. 601

MINISTRY FOR CULTURE, LANDS AND LOCAL GOVERNMENT

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Regulations	Direct Disposal of Residual Sites of Government Property forming part of a Larger Development (Amendment) Regulations, 2026 (hereinafter referred to as the "amending regulations")
Activities to be regulated	To amend the existing scheme under the Government Lands Act (Cap. 573) that governs the direct transfer of small Government-owned residual sites.
Responsible entity	Lands Authority

2. Summary and background

The Direct Disposal of Residual Sites of Government Property forming part of a Larger Development Regulations (S.L. 573.14) (hereinafter after referred to as the "principal regulations") were introduced to allow owners of larger developments or adjacent sites to acquire such residual parcels from the Government. The principal regulations left several issues unresolved, including the limited definition of a residual site; the status of applicants holding temporary utile dominium was unclear; insufficient provisions for handling multi-level or shared occupancies; and the Lands Authority's discretion to refuse or withdraw applications. Consequently, the amending regulations define what qualifies as an adjacent site, by differentiating

[1]These Explanatory Notes are for the purpose of and in accordance with article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

between perpetual and temporary titles of the applicant, adjusting ground rent calculations, and clarifying the Lands Authority's powers to refuse or terminate applications, especially when national heritage considerations arise.

3. Overview of the structure of the instrument

The amending regulations are made up of nine (9) regulations and consist of the following:

Regulation 1: Citation.
Regulation 2: Substitutes regulation 2 of the principal regulations.
Regulation 3: Amends regulation 3 of the principal regulations.
Regulation 4: Substitutes regulation 4 of the principal regulations.
Regulation 5: Substitutes regulation 5 of the principal regulations.
Regulation 6: Deletes regulation 6 of the principal regulations.
Regulation 7: Amends regulation 8 of the principal regulations.
Regulation 8: Substitutes regulation 9 of the principal regulations.
Regulation 9: Adds a new Schedule to the principal regulations.

4. Commentary

The amending regulations may be categorized as follows:

Regulation 2 – Substitutes regulation 2 of the principal regulations

The amendment expands the scope to include adjacent site owners and clarifies the relationship between the residual site and the development, using more precise terminology.

Regulation 3 – Amends regulation 3 of the principal regulations

A new definition of "adjacent site" is introduced to clearly establish which nearby properties qualify under these regulations. This refers to property owned by the applicant that lies within a recognised development zone, whether determined by an official alignment issued by the Planning Authority, an approved development plan, or a valid development permission, irrespective of whether the site is already developed.

The definition of "residual site" is also revised and expanded. A residual site remains a Government-owned site not exceeding fifty square metres (50m²), but the amendment introduces an additional category of sites larger than fifty square metres (50m²) and up to a maximum of three hundred square metres (300m²). Such sites may also be considered residual sites if they satisfy all the criteria in the definition, including being in contact with an adjacent site or forming part of a larger development, and being located within a recognised development zone. Furthermore, these residual sites must not be deemed to be developable independently of the adjacent site, nor deemed to form part of an adjacent site belonging to third parties or to the Government.

The purpose of this amendment is to clarify and broaden the scope of sites that may be treated as residual sites, while maintaining the principle that such sites may only be developed as part of the applicant's adjacent site.

Regulation 4: Substitutes regulation 4 of the principal regulations

Regulation 4 was substituted in its entirety. The amended regulation (i) broadens eligibility for applying where any person may apply, as long as they hold a valid title to the adjacent site. In cases of multiple owners, one person can apply with consent of all owners (sub-regulations 4 & 5); (ii) transfer title - distinguishes between ownership types of the adjacent site: a residual site is transferred free and unencumbered to owners with perpetual utile dominium, while owners with temporary utile dominium receive it under a temporary emphyteusis that expires with their adjacent site's title.; (iii) multi-level occupancy

- For residual sites with multiple occupants, sites held pro diviso are transferred by separate titles according to ownership shares, while sites held pro indiviso (e.g., condominium common parts) are transferred pro indiviso, with costs apportioned among the eligible owners; (iv) and introduces non-refundable application fees.

Regulation 5: Substitutes regulation 5 of the principal regulations

Regulation 5 substitutes regulation 5 of the principal regulations by establishing the applicable rates for the transfer of residual sites, including provisions for the apportionment of rates in cases involving multiple levels and different uses. It further provides for cases of transfer by temporary emphyteusis, setting the applicable annual ground rent, and makes reference to the applicable rate structure. It also clarifies that the Authority may establish different rates for specific locations and that no additional charges shall be imposed for the occupation of a residual site without a valid title.

Regulation 6: Deletes regulation 6 of the principal regulations

Regulation 7: Amends regulation 8 of the principal regulations

Regulation 7 amends regulation 8 of the principal regulations by specifying that all expenses, including but not limited to the application fee, are to be borne in full by the applicant for the transfer to take place..

Regulation 8: Substitutes regulation 9 of the principal regulations

Regulation 8 amends regulation 9 of the principal regulations by clarifying that the Authority has the absolute right to refuse any application, subject to providing written reasons, and further provides that such refusal may be made where it is considered more advantageous to dispose of the site as part of an alternative adjacent site. It introduces provisions relating to residual sites linked to multiple adjacent sites, allowing for disposal in accordance with Article 31 of the Government Lands Act (Cap. 573), and extends the scope of places of national importance to include properties covered by the Cultural Heritage Act (Cap. 445), the Environment Protection Act (Cap. 549), and the Development Planning Act (Cap. 552). It also confirms that no right of action shall lie against the Authority for damages or compensation, provided that the Authority has acted in good faith.

Regulation 9: Adds a new Schedule to the principal regulations

Regulation 9 provides for the addition of a new Schedule to the principal regulations, which sets out in detail how the rates for residual sites are to be calculated. It establishes an incremental scale, meaning that different portions of a site are charged at different rates depending on their size up to a maximum of 300m 2.

5. Concluding section

These regulations shall come into force on the date of the publication of these regulations in the Gazette.

Further information may be obtained from the Lands Authority

E-mail: customercare.la@landsauthority.org.mt

Telephone: +356 21224016/7

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

17th April, 2026

Nru. 602

REVOKA TA' TERMINAZZJONI TA' KIRI

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka parti mid-Dikjarazzjoni maħruġa mill-President ta' Malta ta' terminazzjoni ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Lulju, 2004, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 785, limitatament għall-art hawn taħt deskritta.

Is-17 ta' April, 2026
(File No. L/45/1989)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Marsaxlokk:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 810 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

Wara talba mibgħuta mill-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, ġie ddikjarat illi l-art hawn fuq imsemmija f'Marsaxlokk m'għadiex aktar meħtieġa u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha qiegħda tiġi mħassra parti mit-terminazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Lulju, 2004 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 785 hawn fuq imsemmija.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D 171_2004_ 4, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-2 ta' April, 2026

No. 602

REVOCATION OF TERMINATION OF LEASE

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking part of the Declaration issued by the President of Malta of a termination published in the Government Gazette of the 15th July, 2004, under Government Notice no. 785 limitedly for the land mentioned below.

17th April, 2026

Description of the Land

The following land in Marsaxlokk:

A plot of land measuring about 810 square metres, bounded on the North, on the East and West by Government property or more precise boundaries.

After a request by the Minister for Agriculture, Fisheries and Animal Rights was sent, it has been declared that the above mentioned land in Marsaxlokk is no longer required and so this revocation is being made by which part of the termination published in the Government Gazette of the 15th July, 2004, under Government Notice no. 785 mentioned above is being revoked.

The abovementioned land is shown delineated with the colour red on plan P.D 171_2004_ 4, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

2nd April, 2026

Nru. 603

REVOKA TA' TERMINAZZJONI TA' KIRI

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni maħruġa mill-President ta' Malta ta' terminazzjoni ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern

No. 603

REVOCATION OF TERMINATION OF LEASE

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking the Declaration issued by the President of Malta of a termination published in the Government Gazette

tad-29 ta' April, 2005, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 442, limitatament għall-art hawn taħt deskritta.

Is-17 ta' April, 2026
(File No. L/171/1990)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Marsaxlokk, limiti ta' Delimara:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 4,856 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

Wara talba mibgħuta mill-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, ġie ddikjarat illi l-art hawn fuq imsemmija f'Marsaxlokk, limiti ta' Delimara m'għadiex aktar meħtieġa u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha qiegħda tiġi mħassra t-terminazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April, 2005 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 442 hawn fuq imsemmija.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D 123_90_ 1, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-2 ta' April, 2026

Nru. 604

REVOKA TA' TERMINAZZJONI TA' KIRI

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni maħruġa mill-President ta' Malta ta' terminazzjoni ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April, 2005, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 445, limitatament għall-art hawn taħt deskritta.

Is-17 ta' April, 2026
(File No. L/186/1989)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Marsaxlokk, limiti ta' Delimara:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 6,556 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

of the 29th April, 2005, under Government Notice no. 442 limitedly for the land mentioned below.

17th April, 2026

Description of the Land

The following land in Marsaxlokk, limits of Delimara:

A plot of land measuring about 4,856 square metres, bounded on the North, on the East and West by Government property or more precise boundaries.

After a request by the Minister for Agriculture, Fisheries and Animal Rights was sent, it has been declared that the above mentioned land in Marsaxlokk, limits of Delimara is no longer required and so this revocation is being made by which the termination published in the Government Gazette of the 29th April, 2005, under Government Notice no. 442 mentioned above is being revoked.

The abovementioned land is shown delineated with the colour red on plan P.D 123_90_ 1, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

2nd April, 2026

No. 604

REVOCATION OF TERMINATION OF LEASE

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking the Declaration issued by the President of Malta of a termination published in the Government Gazette of the 29th April, 2005, under Government Notice no. 445 limitedly for the land mentioned below.

17th April, 2026

Description of the Land

The following land in Marsaxlokk, limits of Delimara:

A plot of land measuring about 6,556 square metres, bounded on the North, on the East and West by Government property or more precise boundaries.

Wara talba mibgħuta mill-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, ġie ddikjarat illi l-art hawn fuq imsemmija f'Marsaxlokk, limiti ta' Delimara m'għadiex aktar meħtieġa u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha qiegħda tiġi mħassra t-terminazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April, 2005 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 445 hawn fuq imsemmija.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D 151_89_ 1, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-2 ta' April, 2026

Nru. 605

REVOKA TA' TERMINAZZJONI TA' KIRI

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni maħruġa mill-President ta' Malta ta' terminazzjoni ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April, 2005, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 440, limitatament għall-art hawn taħt deskritta.

Is-17 ta' April, 2026
(File No. L/209/1989)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Marsaxlokk, limiti ta' Delimara:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,752 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

Wara talba mibgħuta mill-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, ġie ddikjarat illi l-art hawn fuq imsemmija f'Marsaxlokk, limiti ta' Delimara m'għadiex aktar meħtieġa u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha qiegħda tiġi mħassra t-terminazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' April, 2005 taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 440 hawn fuq imsemmija.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D 157_89_ 1, li wieħed jista' jara fuq

iii. Jieħu rwol ewlieni fil-monitoraġġ tal-obbligi leġiżlattivi li jirriżultaw minn impenji nazzjonali, tal-Unjoni Ewropeja (UE) u internazzjonali f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-entitajiet rilevanti;

iv. Jmexxi u jikkordina t-tħejjija għan-negozjati dwar id-dossiers tal-politika ambjentali tal-UE u internazzjonali, inklużi explantory memoranda, noti ta' istruzzjoni, noti ta' briefing, u linji għall-intervenzjoni u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra meħtieġa mill-maniġment;

v. Jipparteċipa f'laqgħat relatati ma' oqsma ta' politika ambjentali, filwaqt li jiżgura li l-pożizzjonijiet tal-Ministeru u ta' Malta jiġu ppreżentati b'mod effettiv fil-fora rilevanti;

vi. Jikkordina r-reviżjoni tar-rapporti nazzjonali, inkluża l-identifikazzjoni ta' lakuni u ħtiġiet ta' politika biex titmexxa 'l quddiem il-ħidma tal-Ministeru;

vii. Jikkordina u jipparteċipa fil-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati, filwaqt li jiżgura komunikazzjoni u kollaborazzjoni effettivi dwar politiki u implimentazzjoni nazzjonali, tal-UE u internazzjonali;

viii. Jirrappreżenta l-Maniġment u żżommhom infurmati dwar żviluppi ewlenin li jistgħu jkollhom impatt fuq politiki, istrateġiji u programmi tal-Ministeru, kemm lokalment, kif ukoll barra minn Malta

ix. Jabbozza fajls tal-offerti u tippresiedi/tipparteċipa f'kumitati ta' evalwazzjoni kif u meta meħtieġ;

Moreover, selected candidate/s will be required to fill in the Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)) since this post is in salary scales 5 or higher.

Duties

3. The job duties for the post of Senior Manager (Research) include:

i. Contribute to the development and implementation of the Ministry's Strategies, Programmes, Action Plans in collaboration with relevant entities falling within the Ministry's remit;

ii. Take a leading role in the coordination and monitoring of national strategies, policy initiatives so as to ensure that appropriate and early actions are undertaken to attain the set objectives;

iii. Take a leading role in the monitoring of legislative obligations arising from national, EU and international commitments in consultation with relevant stakeholders and entities;

iv. Lead and coordinate preparation to negotiation on EU and international environmental policy dossiers, including explanatory memoranda, instruction notes, briefing note, and lines to takes and any other relevant documentation required by superiors;

v. Participate in meetings related to environmental policy areas, ensuring that the Ministry's and Malta's positions are effectively portrayed in the relevant fora;

vi. Coordinate the review of national reports, including identification of gaps and policy needs to progress the work of the Ministry;

vii. Coordinate and participate in stakeholder consultation process, ensuring effective communication and collaboration on national, EU and international policies and implementation;

viii. Represent Senior Management and keep them informed of major developments that may impact the Ministry's policies, strategies and programmes, both locally and abroad

ix. Draft tender dossiers and chair/participates in evaluation committees as and when required;

x. Iwettaq dmirijiet oħra li jisgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xi. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif jista' jkun meħtieġ;

xii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil -pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

x. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xi. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltes citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of th United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija kif ukoll dik Ingliża sabiex jitwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat d-dmirijiet li għalihom saret l-applikazzjoni;

U

iii. ikollhom Master's degree rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS jew ekwivalenti*) fl-Statistics jew Economics jew European Studies jew Sociology jew Law jew Public Policy jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment.

*Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master's mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS.

U

iv. B'ħames (5) snin servizz maniġerjali rilevanti bħala Manager II, liema grad l-impjegat li għandu jkun ikkonfermat. Kwalunkwe esperjenza oħra relatata fil-qasam meħtieġa għall-grad imsemmi hawn fuq, fi, jew komparabbli ma', Skala ta' Salarju 7 fis-Servizz Pubbliku, li l-applikant jista' jkollu jista' jkun meqjusa mill-amministrazzjoni, liema esperjenza għandha tkun sostnuta kif xieraq b'evidenza rilevanti.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for;

AND

iii. in possession of a recognised Master's degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS credits, or equivalent*) in Statistics or Economics or European Studies or Sociology or Law or Public Policy or in relevan areas as determined by management.

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTScredits is only accepted subject to an MQRIC form Master's recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009 with less than 60 ECTS credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that th workload is comparable to at least 60 ECTS credits.

AND

iv. With five (5) years relevant management service as Manager II, in which grade the employee must be confirmed Any other related experience in the area required for the afore-mentioned grade, in, or comparable to, Salary Scale 7 level in the Public Service, which the applicant may possess may be considered by the Administration, which experience must be duly sustained with relevant evidence.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level

minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3 hawn fuq, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-Operat, Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista

than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time an date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognitio statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as pe provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director General (Operations), Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should

tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Mejju, 2026. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (Attn: Assistent Direttur, Riżorsi Umani), Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1302. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat (humasustainability.gov.mt) u (humanresources.meec@gov.mt).

Is-17 ta' April, 2026

include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 4th May, 2026. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from Corporate Services Directorate (Attn: Assistant Director, Human Resources), Ministry for th Environment, Energy and Public Cleanliness, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1302. These general provisions are be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department/Division/Directorate are (sustainability.gov.mt) and (humanresources.meec@gov.mt).

17th April, 2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' Non-emergency Patient Transport Aide fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Id-Direttur Ġenerali (People Management) fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva jgħarraf illi d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet għall-Post ta' Non-Emergency Patient Transport Aide, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru.21,616 tat-2 ta' April, 2026, ġiet estiża b'ġimagħtejn oħra, sa nhar it-Tnejn, 4 ta' Mejju, 2026 fis-5.15 p.m.

L-eliġibbiltà ġiet emendata sabiex taqra li huwa meħtieġ jew kwalifika ta' Livell 3 tal-MQF flimkien ma' liċenzja tas-sewqan valida, jew inkella reġistrazzjoni mal-Istitut għas-Servizz Pubbliku (IPS), kif determinat mill-amministrazzjoni, li se jiġi pprovdut wara l-ħatra, flimkien ma' liċenzja tas-sewqan valida.

Ir-reġistrazzjoni għal dan il-kors trid issir permezz tal-link (https://forms.office.com/e/MF9YfqitDy) ipprovdut sa mhux aktar tard mid-data tal-għeluq tas-sejħa, jiġifieri l-4 ta' Mejju, 2026.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux aċċettati. Applikanti li diġà ssottomettew applikazzjoni għal din is-sejħa m'għandhomx għalfejn jerġgħu japplikaw.

Is-17 ta' April, 2026

MINISTRY FOR HEALTH AND
ACTIVE AGEING

Post of Non-emergency Patient Transport Aide in the Ministry for Health and Active Ageing

The Director General (People Management) within the Ministry for Health and Active Ageing notifies that the closing date for applications for the post of Non-Emergency Patient Transport Aide, published in the Governemnt Gaszette No. 21,616 of 2nd April, 2026, has been extended by a further two weeks, until Monday, 4th May, 2026 at 5.15 p.m.

The eligibility has been amended to read for a requirement of either the MQF Level 3 qualification and the valid driving licence or registration for the Institute for Public Service (IPS) as determined by management which will be delivered once appointed and a valid driving licence.

Registration for this course must be completed via the provided link (https://forms.office.com/e/MF9YfqitDy) by no later than the closing date of the call, namely 4th May, 2026.

Applications received after this date will not be accepted. Applicants who have already submitted an application for this call are not required to submit a new application.

17th April, 2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' Non-emergency Patient Transport Aide fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex (GGH) fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Id-Direttur Ġenerali (People Management) fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva jgħarraf illi d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet għall-Post ta' Post ta' Non-Emergency Patient Transport Aide fl-isptar Ġenerali ta' Għawdex (GGH), ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru.21,616 tat-2 ta' April, 2026, ġiet estiża b'ġimagħtejn oħra, sa nhar it-Tnejn, 4 ta' Mejju, 2026 fis-5.15 p.m.

L-eliġibbiltà ġiet emendata sabiex taqra li huwa meħtieġ jew kwalifika ta' Livell 3 tal-MQF flimkien ma' liċenzja tas-sewqan valida, jew inkella reġistrazzjoni mal-Istitut għas-Servizz Pubbliku (IPS), kif determinat mill-amministrazzjoni, li se jiġi pprovdut wara l-ħatra, flimkien ma' liċenzja tas-sewqan valida.

Ir-reġistrazzjoni għal dan il-kors trid issir permezz tal-link (https://forms.office.com/e/MF9YfqitDy) sa mhux aktar tard mid-data tal-għeluq tas-sejħa, jiġifieri l-4 ta' Mejju, 2026.

MINISTRY FOR HEALTH AND
ACTIVE AGEING

Post of Non-emergency Patient Transport Aide at Gozo General Hospital (GGH) in the Ministry for Health and Active Ageing

The Director General (People Management) within the Ministry for Health and Active Ageing notifies that the closing date for applications for the post of Non-Emergency Patient Transport Aide at Gozo General Hospital (GGH), published in the Governemnt Gaszette No. 21,616 of 2nd April, 2026, has been extended by a further two weeks, until Monday, 4th May, 2026 at 5.15 p.m.

The eligibility has been amended to read for a requirement of either the MQF Level 3 qualification and the valid driving licence or registration for the Institute for Public Service (IPS) as determined by management which will be delivered once appointed and a valid driving licence.

Registration for this course must be completed via the provided link (https://forms.office.com/e/MF9YfqitDy) by no later than the closing date of the call, namely 4th May, 2026.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux aċċettati. Applikanti li diġà ssottomettew applikazzjoni għal din is-sejħa m'għandhomx għalfejn jerġgħu japplikaw.

Is-17 ta' April, 2026

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)

Għajnuna mill-Istat għal Skema ta' Agroforestrija għall-Bdiewa tal-Art – it-Tieni Sejħa

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), tavża li mit-Tnejn, 13 ta' April, 2026, se tkun qed tilqa' l-applikazzjonijiet ta' dawk il-bdiewa eliġibbli taħt it-tieni sejħa tal-iskema tal-Agroforestrija. Għaldaqstant, l-applikazzjonijiet se jiġu aċċettati sad-data tal-għeluq, il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2026.

Applikazzjonijiet sottomessi wara din id-data ma jiġux aċċettati.

Proċess ta' Applikazzjoni:

L-applikanti għandhom jindikaw l-għelieqi li jixtiequ jorbtu taħt l-iskema billi:

Jipprovdu n-numru ta' identifikazzjoni tal-għalqa;

Jimmarkaw il-konfini tal-għelieqi fuq pjanta tas-sit ipprovduta mill-Front Office tal-ARPA.

L-applikazzjonijiet għandhom jimtlew u jiġu ffirmati personalment f'wieħed mill-postijiet li ġejjin:

ARPA Front Office: Suq tal-Pitkalija, Ta' Qali, limiti ta' Ħ'Attard;

Uffiċċju ta' Għawdex: Razzett Sperimentali tal-Gvern, Triq l-Imġarr, Ix-Xewkija

Għal aktar informazzjoni wieħed jista':

Jaċċessa l-linji gwida dettaljati disponibbli fis-sit elettroniku tal-ARPA (https://arpa.gov.mt/)

Iċempel lill-Front Office tal-ARPA fuq 2292 6148 (Malta)

Jibgħat ittra elettronika lil (arpa.mafa@gov.mt)

Is-17 ta' April, 2026

Applications received after this date will not be accepted. Applicants who have already submitted an application for this call are not required to submit a new application.

17th April, 2026

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Agricultural and Rural Payments Agency (ARPA)

State Aid for an Agroforestry Scheme for Land Farmers – Second Call

The Agricultural and Rural Payments Agency (ARPA), within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights (MAFA), hereby notifies that, as from Monday, 13th April, 2026, it will be receiving applications from those farmers eligible for the second call of the Agroforestry scheme. Applications will continue to be accepted until the closing date, Friday, 29th May, 2026.

Applications submitted after this date will not be accepted.

Application Process:

Applicants must indicate the parcels they wish to commit to the scheme by:

Providing the parcel identification number;

Marking the boundaries of the parcel on a site plan supplied by ARPA's Front Office.

Applications must be completed and signed in person at one of the following locations:

ARPA Front Office: Pitkali Markets, Ta' Qali, l/o Ħ'Attard;

Gozo Front Office: Government Experimental Farm, Triq l-Imġarr, Xewkija

For more information one may:

Access the detailed guidance notes available on the Agency's website (https://arpa.gov.mt/)

Call ARPA's Front Office on 2292 6148 (Malta)

Send an email to (arpa.mafa@gov.mt)

17th April, 2026

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema ta' Equity Sharing – 2019

B'referenza għall-Iskema Equity Sharing – 2019 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Mejju, 2019, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel dawn l-emendi:

(a) Temenda Klawsola 1 biex taqra kif ġej:

1. Titolu u l-għan tal-iskema

Din l-iskema hija intiża għal applikanti li ma jistgħux jixtru r-residenza tagħhom mingħajr l-għajnuna tal-Awtorità tad-Djar. L-iskema msejħa Skema ta' Equity Sharing se tapplika għal persuni 'l fuq minn ħamsa u għoxrin (25) sena li jitħajru jixtru d-dar tagħhom billi jixtru mhux anqas minn nofs il-prezz tal-proprjetà waqt li r-rimanenti jkun irid jinxtara aktar 'il quddiem. L-Awtorità tad-Djar, min-naħa tagħha se tixtri s-sehem mhux akkwistat mill-applikanti, liema sehem ikun ta' mhux aktar minn nofs il-proprjetà. Wara l-għoxrin (20) sena, l-applikanti se jkollhom l-obbligu li jixtru s-sehem mixtri mill-Awtorità tad-Djar bl-istess prezz akkwistata minnha.

L-APS Bank plc, suġġett li jiġu sodisfatti l-kriterji kollha tal-Bank, se jagħti self sa massimu ta' €200,000 sabiex tinxtara proprjetà fi stat finished u abitabbli, jew fi stat shell li tista' titlesta għal stat abitabbli iżda dan biss fejn l-ispiża totali tax-xiri u l-finishing ma teċċedix €250,000 u €350,000 fejn ix-xerrejja aspiranti għandhom 40 sena jew aktar u qed jixtru s-sehem li jifdal mid-dar matrimonjali preċedenti tagħhom mingħand is-sieħeb/sieħba preċedenti tagħhom fil-liġi. F'każijiet fejn il-valur massimu tal-proprjetà huwa bejn €300,000 u €350,000, il-Bank jirriżerva d-dritt li jivvaluta u japprova unilateralment applikazzjonijiet għal proprjetajiet b'dan il-valur, abbażi tal-kriterji interni ta' sostenibbiltà tal-Bank. Id-deċiżjoni tal-Bank f'dan ir-rigward għandha tkun finali.

(b) Temenda Klawsola 3 sub Klawsoli (a), (b), (d), (i) u (q) biex jaqraw kif ġej:

3. Kundizzjonijiet tal-Iskema

(a) L-Awtorità tad-Djar tiffinanzja bejn għoxrin elf ewro u mitt elf ewro (€20,000 - €100,000) għax-xiri ta' proprjetà li ma tridx teċċedi l-mitejn u ħamsin elf ewro (€250,000) u t-tliet mija u ħamsin elf ewro (€350,000) fejn ix-xerrejja aspiranti għandhom 40 sena jew aktar u qed jixtru s-sehem li jifdal mid-dar matrimonjali preċedenti tagħhom mingħand is-sieħeb/sieħba preċedenti tagħhom fil-liġi. B'hekk l-Awtorità tad-Djar issir sid ta' parti mill-istess residenza.

HOUSING AUTHORITY

Equity Sharing Scheme – 2019

With reference to Equity Sharing Scheme published in the Government Gazette of the 21st May, 2019, the Housing Authority wishes to affect the following amendments:

(a) Amend Clause 1 to read as follows:

1. Title and aim of the scheme

This scheme is intended for those applicants who are unable to purchase their residence without the help of Housing Authority. The Scheme, entitled Equity Sharing Scheme will apply for persons over the age of twenty-five (25), who intend to buy their residence by purchasing at least fifty per cent of the property whilst the rest will have to be purchased by them at later stage. On the other side, the Housing Authority will purchase itself the remaining portion not purchased by the applicants which should not be more than fifty percent of the property. After twenty (20) years, the applicants will be obliged to purchase the Housing Authority's share by paying the same price paid by the Authority Housing.

APS Bank plc, subject to all bank's criteria being satisfied, will be granting applicants a maximum loan up to €200,000 to purchase a property in finished and habitable state or in shell form state which can be rendered to a habitable state at the total expense of €250,000 and €350,000 where aspiring buyers are aged 40 years and over and purchasing the remaining share of their former matrimonial home from their previous partner at law. In cases where the maximum property value is between €300,000 and €350,000, the Bank reserves the right to unilaterally assess and approve applications for properties within this range, based on the Bank's internal sustainability criteria. The Bank's decision in this regard shall be final.

(b) Amend Clause 3 sub clauses (a), (b), (d), (i) and (q) to read as follows:

3. Conditions of the Scheme

(a) The Housing Authority will finance between twenty thousand and hundred thousand euro (€20,000 - €100,000) for the purchase of the property which should not exceed the two hundred and fifty thousand euro (€250,000) and three hundred and fifty thousand euro (€350,000) where aspiring buyers are aged 40 years and over and purchasing the remaining share of their former matrimonial home from their previous partner at law. In this way, the Housing Authority becomes a part-owner of the same property.

(b) Fil-każijiet biss ta' xerrejja aspiranti ta' 40 sena jew aktar li jixtru s-sehem li jifdal mid-dar matrimonjali preċedenti tagħhom mingħand is-sieħeb/sieħba legali preċedenti tagħhom, il-proprjetà m'għandhiex taqbeż it-tliet mija u ħamsin elf ewro (€350,000). Ix-xiri ta' proprjetajiet b'valur ta' bejn €300,000 u €350,000 se jiġi rivedut fid-diskrezzjoni assoluta tal-Bank. Il-Bank jirriżerva d-dritt li jivvaluta u japprova unilateralment tali applikazzjonijiet ibbażati fuq il-kriterji interni ta' sostenibbiltà tiegħu, u d-deċiżjoni tal-Bank f'dan ir-rigward għandha tkun finali. F'dawn il-każijiet, is-sehem tal-Awtorità tad-Djar jibqa' massimu ta' €100,000.

Fil-każijiet fejn il-valur massimu tal-proprjetà huwa bejn €250,000 u €300,000, l-applikant irid ikollu 40 sena jew aktar u l-proprjetà li għandha tiġi akkwistata hija d-dar matrimonjali tal-applikant, b'parti waħda diġà tippossjedi parti mill-proprjetà u kopja tal-att pubbliku ta' separazzjoni personali jew id-Digriet finali tal-Qorti ta' separazzjoni jew divorzju, skont il-każ, jiġu pprovduti.

(d) Applikazzjonijiet għal xiri ta' proprjetà li l-prezz tagħha jeċċedi l-mitejn un ħamsin elf ewro (€250,000) u tliet mija u ħamsin elf ewro (€350,000) fejn ix-xerrejja aspiranti għandhom 40 sena jew aktar u qed jixtru s-sehem li jifdal mid-dar matrimonjali preċedenti tagħhom mingħand is-sieħeb/sieħba preċedenti tagħhom fil-liġi ma jiġux ikkunsidrati. L-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt li tivvaluta l-proprjetà hi biex tara jekk din il-kundizzjoni tkunx sodisfatta.

(i) Il-proprjetà li se tinxtara mill-applikanti trid tkun mibnija bil-permessi kollha rikjesti, fi stat finished u abitabbli, jew fi stat shell sakemm l-ispiża tax-xiri u l-finishing ma teċċedix €250,000 u €350,000 fejn ix-xerrejja aspiranti għandhom 40 sena jew aktar u qed jixtru s-sehem li jifdal mid-dar matrimonjali preċedenti tagħhom mingħand is-sieħeb/sieħba preċedenti tagħhom fil-liġi.

(q) Is-self mogħti mill-Bank lill-applikanti irid ikun għal perjodu ta' mhux aktar minn erbgħin (40) sena u dan dment li s-self jiġi mħallas sal-età ta' ħamsa u sittin (65) sena;

Is-17 ta' April, 2026

AWTORITÀ TAD-DJAR

Benefiċċju tal-Kera f'Residenzi Privati (2019)

B'referenza għall-Iskema Benefiċċju tal-Kera f'Residenzi Privati ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Frar 2019, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel din l-emenda:

Temenda Klawsola 13 biex taqra kif ġej:

(b) Only in the cases of aspiring buyers aged 40 years and over purchasing the remaining share of their former matrimonial home from their previous partner at law, the property should not exceed three hundred and fifty thousand euro (€350,000). The purchase of properties valued between €300,000 and €350,000 will be reviewed at the Bank's absolute discretion. The Bank reserves the right to unilaterally assess and approve such applications based on its internal sustainability criteria, and the Bank's decision in this regard shall be final. In these instances, the Housing Authority's share will remain at maximum of €100,000.

In cases where the maximum property value is between €250,000 and €300,000, the applicant must be aged 40 or over and the property to be acquired is the applicant's matrimonial home, with one party already owning part of the property and a copy of the public deed of personal separation or final Court Decree of separation or divorce, as the case may be, are provided.

(d) Applications for the purchase of property exceeding the two hundred fifty thousand euro (€250,000) in value, and three hundred and fifty thousand euro (€350,000) where aspiring buyers are aged 40 years and over and purchasing the remaining share of their former matrimonial home from their previous partner at law will not be considered. The Housing Authority reserves the right to inspect the property to ascertain its value.

(i) The property, which is to be purchased by the applicant, should be built in accordance with building regulations and planning permits, be in a finished and habitable state, or in shell form as long as the purchase price and the amount of the necessary finishing do not exceed €250,000 and €350,000 where aspiring buyers are aged 40 years and over and purchasing the remaining share of their former matrimonial home from their previous partner at law.

(q) The loan facility granted to applicants shall be for a maximum period of forty (40) years, provided the loan facility is fully repaid by the age of sixty five (65).

17th April, 2026

HOUSING AUTHORITY

Housing Benefit On Privately Rented Dwellings (2019)

With reference to the Housing Benefit On Privately Rented Dwellings Scheme published in the Government Gazette of the 1st of February 2019, the Housing Authority wishes to effect the following amendment:

Clause 13 to read as follows:

13. Benefiċċju fuq il-Kera

(i) Il-benefiċċju fuq il-kera jkun ibbażat fuq id-dħul annwu kif ukoll il-kera mħallsa mill-applikanti. It-tabella ta' hawn taħt tindika l-kategorija ta' applikanti li jistgħu japplikaw taħt din l-iskema, id-dħul massimu taħt kull kategorija kif ukoll l-ammont massimu ta' benefiċċju kull applikant ikun intitolat għalih:

Kategorija	Membri tal-familja	Dħul Massimu	Benefiċċju Massimu
1	Persuna Waħedha	€21,900	€4,200
2	Ġenitur Wieħed b'wild wieħed	€22,100	€5,400
3	Ġenitur Wieħed b'żewġ ulied jew aktar	€26,500	€6,000
4	Żewġ Adulti mingħajr tfal	€22,100	€4,200
5	Koppja b'wild wieħed	€26,900	€5,400
6	Koppja b'żewġ ulied jew aktar	€34,900	€6,000
7	Separat/Annullat/ Divorzjat/*De facto* separat 'il fuq minn 55 sena	€34,900	€6,000
8	Tliet Adulti jew aktar jgħixu flimkien	€31,000	€6,000

Is-17 ta' April, 2026

AWTORITÀ TAD-DJAR

Sussidju tal-Kera f'Residenzi Privati Mikrija Qabel l-1 ta' Ġunju 1995

B'referenza għall-Iskema Sussidju tal-Kera f'Residenzi Privati Mikrija Qabel l-1 ta' Ġunju 1995, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Gunju, 2021, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tagħmel din l-emendi:

(a) Temenda Klawsola 2 biex taqra kif ġej:

2. Skop tal-iskema

Sabiex il-kera ssir aktar affordabbli din l-iskema se tipprovdi sussidju fuq il-kera mħallsa fuq fondi mikrija bħala residenza ordinarja u milquta minn sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola il-Kera jew Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba'.

13. Housing benefit

(i) The benefit shall be based on the annual income of the applicants together with the rent being paid by them. The following table indicates the various categories of applicants who can benefit from this scheme, their maximum income permitted together with the maximum amount of housing benefit these applicants are entitled to:

Category	Households	Maximum Annual Income	Maximum Housing Benefit
1	Single Person	€21,900	€4,200
2	Single Parent with 1 child	€22,100	€5,400
3	Single Parent with 2 children and more	€26,500	€6,000
4	Two Adults without children	€22,100	€4,200
5	Couple with 1 child	€26,900	€5,400
6	Couple with 2 children and more	€34,900	€6,000
7	Separated/Annulled/ Divorced/De facto Separated over 55 years of age	€34,900	€6,000
8	3 or more adults living together	€31,000	€6,000

17th April, 2026

HOUSING AUTHORITY

Pre-1995 Private Rent Housing Subsidy

With reference to Pre-1995 Private Rent Housing Subsidy Scheme published in the Government Gazette of the 1st June, 2021, the Housing Authority wishes to effect the following amendments:

(a) Amend Clause 2 to read as follows:

2. Purpose of the Scheme

In order to make rent more affordable this scheme will provide a rent subsidy paid on properties rented as ordinary residence and affected by a judgment given by the Rent Regulation Board or the Rural Leases Control Board.

(b) Temenda Klawsola 3 biex taqra kif ġej:

3. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtiġx xort'oħra:

"applikant" tfisser persuna li tapplika taħt din l-iskema għas-sussidju fuq il-kera ta' dar ta' abitazzjoni tal-privat milquta minn sentenza mogħtija mill-Bord u meta iżjed minn persuna waħda għandha l-jedd li tkompli l-kirja, l-applikazzjoni għandha ssir mill-persuni kollha li għandhom dan il-jedd. It-tifsir tal-kelma l-applikant tinkludi l-applikanti kollha;

"sena bażi " tfisser is-sena li fuqha jiġi assessjat id-dħul annwu waqt is-smigħ tal-kawża quddiem il-Bord għall-ewwel assessment jew l-aħħar sena kalendarja qabel ma tkun ġiet sottomessa lapplikazzjoni;

"Bord" tfisser il-Bord li Jirregola l-Kera jew Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba'

(c) Temenda Klawsola 4 (1) biex taqra kif ġej:

4. Kwalifiki għas-sussidju fuq il-kera taħt din l-Iskema

Persuna tikkwalifika għas-sussidju fuq il-kera taħt din l-iskema jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) L-applikant huwa :

a. il-kerrej rikonoxxut tar-residenza skont sentenza tal-Bord jew;

b. intitolat li jkompli jikri l-proprjetà fin-nuqqas tal-inkwilin rikonoxxut skont id-definizzjoni ta' kerrej kif stabbilit fl-Artiklu 2 tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, jew Artiklu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta

c. is-suċċessur tal-inkwilin rikonoxxut li jkun qed igawdi mill-jedd li jkompli jokkupa rresidenza għal perjodu ta' ħames (5) snin skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal perjodu ta' tmien (8) snin skont id-dispożizzjonijiet l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Sabiex ikun eliġibbli, l-applikant irid jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi skont artiklu 34 tal-Att Nru XXIV tal-2021.

(d) Temenda Klawsoli 4 (3) & (4) biex taqra kif ġej:

(b) Amend Clause 3 to read as follows:

3. Definitions

In this Scheme, unless the context otherwise requires:

"applicant" means a person who applies under this scheme for the rent subsidy of a private dwelling house affected by a judgment given by the Board and where more than one person has the right to continue the lease, the application must be made by all persons who have this right. The definition of the word applicant includes all applicants.

"basic year" means the calendar year on which the annual income is assessed at the hearing of the case before the Board for the first assessment or the last calendar year before the application is submitted;

"Board" refers to the Rent Regulation Rent Regulation Board or Rural Leases Control Board;

(c) Amend Clause 4 (1) to read as follows:

4. Qualifications for the rent subsidy under this Scheme

A person qualifies for the rent subsidy under this scheme if he/she meets the following conditions:

(1) The applicant is:

a. the recognised tenant of the residence in accordance with a judgment of the Board;

b. entitled to continue to lease the property in the absence of the recognised tenant in accordance with the definition of tenant as set out in Article 2 of the Housing De-control Ordinance, Cap. 158 of the Laws of Malta, or Article 2 of the Building Lease Renewal Ordinance, Cap. 69 of the Laws of Malta or the Land Lease Renewal Act, Cap. 199 of the Laws of Malta

c. the successor of the recognised tenant who is enjoying the right to continue to occupy the residence for a period of five (5) years in accordance with the provisions of the Housing Control Removal Ordinance, Cap. 158 of the Laws of Malta or the Building Lease Renewal Ordinance, Cap. 69 of the Laws of Malta, or for a period of eight (8) years in accordance with the provisions of the Land Lease Renewal Act, Cap. 199 of the Laws of Malta. In order to be eligible, the applicant must satisfy the income and capital criteria of the means test in accordance with article 34 of Act No. XXIV of 2021.

(d) Amend Clause 4 (3) & (4) to read as follows:

3. Il-proprjetà ġiet mikrija mill-inkwilini jew il-predeċessuri tiegħu fit-titlu qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u hija kirja regolata mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta jew dispożizzjonijiet l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Ir-residenza tkun milquta minn sentenza mogħtija mill-Bord li tordna żieda fil-kera skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta jew dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta. L-applikant għandu jippreżenta n-numru tas-Sentenza quddiem il-Bord lill-Awtorità;

5. Il-kerrej rikonoxxut tar-residenza li jaqa' taħt Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jissodisfa l-kriterji tad-dħul u ta' assi kapitali billi jgħaddi minn test tal-mezzi.

(e) Temenda Klawsola 9 biex taqra kif ġej:

Id-dħul annwu aggregat tal-applikant jiġi meqjus skont artiklu 34 tal-Att Nru XXIV tal-2021 jew Att Nru XXII tal-2022.

(f) Temenda Klawsola 10 biex taqra kif ġej:

10. Sussidju fuq il-Kera

(i) Is-sussidju fuq il-kera jinħadem kif ġej :

(a) F'każ ta' applikanti li għandhom inqas minn ħamsa u sittin (65) sena u jaħdmu bi qligħ, id-differenza bejn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-qligħ tagħhom u l-kera stabbilita mill-Bord sa massimu ta' €10,000.

